**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 98/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 26**

**Victor Micallef**

**Rock A Go House,**

**Triq tal-Barrani,**

**Zejtun**

**Vs**

**Debono Commercials Limited**

**Mdina Road,**

**Zebbug**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fit-22 ta' Marzu, 2016 li permezz tieghu l-attur talab minghand is-socjeta' konvenuta r-rifuzjoni tal-ammont ta' elf disa' mija u sitta u tletin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,936.47c) rapprezentanti riparazzjonijiet fuq vettura bin-numru ta' registazzjoni LCR 864 maghmula mis-socjeta' intimata liema

riparazzjoniiet kienu totalment mhux sodisfacenti tant li l-vettura baqghet fl-istess kundizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta a fol 7 li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda minhabba r-ragunijiet segwenti; li l-istampa li jittenta jpingi l-attur hija stampa kompletament differenti minn dak li fil-fatt sehh bejn iz-zewg partijiet; li kif ser jirrizulta bl-iktar mod ampju waqt it-trattazzjoni ta' din it-talba l-prezz mitlub mis-socjeta' eccipjenti minghand l-attur u cioe' s-somma ta' elf disa' mija u sitta u tletin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,936.47c) tirrapprezenta biss il-prezz tal-batterija l-gdida li stallat fil-vettura tal-attur bil-kunsens tal-istess attur meta wara li ghamlet it-testijiet mehtiega gie stabilit li l-batterija l-qadima tal-vettura tal-attur kienet difettuza kif ukoll l-prezz tal-mano d'opera relatat mal-istallar tal-batterija l-gdida; li wara li s-socjeta' eccipjenti ghamlet it-testijiet mehtieg fuq l-batterija l-qadima tal-vettura tal-attur u nstab li din kienet difettuza u ghalhekk infurmat lill-attur li din kellha tinbidel is-socjeta' eccipjenti ghamlitha cara daqs il-kristall lill-attur li l-fatt li tigi stallata batterija gdida ma jfissirx li l-problema tal-vettura kienet ser tissolva u dan johrog car anke mill-fattura in kwistjoni datata 04 ta' Marzu, 2015 mahruga mis-socjeta' eccipjenti, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument DC" fejn kjarament jinghad illi: "Battery to be replaced in order to check for further damages." Illi ghalhekk l-attur dejjem kien konsapevoli mill-fatt li ghaliex sempliciment tinbidel il-batterija ma jfissirx li l-problema ser tissolva. Li inoltre u bhala uzanza s-socjeta' eccipjenti dejjem tinforma lil klijent u titolbu sabiex jiehu d-decizjoni hu qabel ma tbiddel xi parti ta' vettura; meta l-attur ghazel li jbiddel il-batterija u l-vettura bdiet tistartja kif suppost tistartja huwa kien iddecieda li jiehu l-vettura fl-04 ta' Marzu, 2015 u meta gie lura biha fit-28 ta' April, 2015 huwa insista ghar-rifuzjoni tal-ammont li kien hallas anke wara li s-socjeta' eccipjenti sahansitra offriet li tispezzjona l-vettura b'xejn. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavit ta' l-attur Victor Micallef a fol 13 li permezz tieghu xehed li kien xtara Toyota Hybrid truck li kien importa minn barra u wara xi sena li kien ilu ghandu f'daqqa wahda ma riedx jistartja u mar ghand tat-Toyota u spjegalu l-problema u qallu biex johodulu halli jarah u hekk ghamel. Micallef xehed li tat-Toyota serrahlu rasu li dan seta' jissewwa u hallihulhom hemm. Mieghu kien mar l-impjegat tieghu Chris Formosa. Huwa kien imur jiccekja diversi drabi f'hiex wasal it-truck u bosta drabi kien imur

mieghu Chris Formosa u tat-Toyota kienu dejjem jghidulu li qed jiccekkjaw mal-fabbrika l-Japan u t-truck ghamel bosta xhur ghandhom. Gara li wara seba' xhur meta rega mar ghand tat-Toyota tat-Toyota kien wahhallu sett batteriji godda li jiswew elf u disa mitt ewro (€1,900) u hallashom u huwa assuma li kienu sabu tarf il-problema izda ma kienx il-kaz ghax ftit wara rega mar ghand tat-Toyota li qallu li xorta wahda t-truck ma kienx qed jahdem u li ma setax isib minn fejn kienet il-problema. It-Truck baqa' ma jahdimx u huwa qallihom biex izommu l-batteriji u jaghtuh il-flus lura izda huma ma riedux u ghalhekk kellu jaghmel din il-kawza.

In kontro-ezami a fol 29 et l-attur xehed li minghand it-Toyota huwa ma xtara xejn u sewwa t-Toyota. Il-van kien xtrah minn irkant minn go fabbrika. Meta waqaf mar ghand tat-Toyota biex jirrangaw u hallas tas-servizz u wara gimghatejn rega koppi. Wara disa' xhur mar ghal van u cahad li kienu ghamluhielu cara li kien hemm jew seta' kien hemm xi difett fil-batterija. Kull ma qallu huwa li 'dan batteries ghandu' u li ha jgibulu batteries godda u jigi tajjeb. Huwa cahad li kienu qalulu li l-van kien diga rrangat. Huwa xehed li ma jafx jaqra meta muri Dok DC8.

A fol 22 fl-affidavit tieghu Chris Formosa l-impjegat tal-attur Victor Micallef ikkonferma dak li xehed l-attur fosthom li l-attur kien qalilhom li kienu misshom qalulu qabel li ma setghux jirrangaw halli ma kienx jaghmel spejjez ghal xejn. Il-batteriji qatt ma intuzaw ghaliex l-attur dawwar is-sistema tat-truck biex jigi jahdem normali u ma jibqax hybrid u llum qed jahdem bhala truck normali.

In kontro-ezami (seduta 27 ta' April, 2018) Formosa baqa' jinsisti li meta kien mal-attur ghand tat-Toyota dawn fl-ebda moment ma qalulu li bil-battery il-gdida t-truck mhux gej tajjeb.

A fol 21 fl-affidavit tieghu Daniel Vella Service Co-Ordinator tas-socjeta' konvenuta xehed li l-attur l-ewwel darba li ghamel kuntatt maghhom kien fl-04 ta' Frar, 2015 fejn infurmhom li l-fan in kwistjoni kellha difett fis-sena li ma kienx qed jistartja kif suppost jistartja. L-attur gab il-vettura fil-garage tahhom u nduna li l-vettura kienet l-istess vettura li kienu diga irriparaw zmien qabel meta kienet ghand sid iehor li kien mar ukoll ghandhom fis-sena 2012 u pprezenta kopja tal-vettura. It-truck ghandu numru ta' registrazzjoni LCR 864. Huma kienu ddeterminaw li l-batterija tal-vettura ma kienetx qeghda tahdem sew u sabiex jevita l-ispiza involuta fix-xiri ta' batterija gdida is-sid

precedent kien talabhom sabiex johorgu l-batterija ta' vettura ohra li kellu u jbidluha mal-batterija tal-vettura in kwistjoni. Il-vettura kienet qed tistartja kif suppost u qatt ma regghu semghu minghand is-sid precedent.

Ghalhekk ghamlu l-ispezzjonijiet tas-soltu fuq l-vettura tal-attur u rrizulta li l-batterija tal-vettura kienet difettuza u kellha tinbidel. Huwa spjega pero' li dan ma jfissirx li kwalunkwe difett li seta' kellha l-vettura kienet ser tissolva ruhha b'dan it-tibdil. Spjega li l-uzanza taghhom hija li jinfurmaw lil klijent kull darba li jehtieg li jbidlu xi parti tal-vettura u hekk gara meta riedu jibdlu l-batterija. Huwa xehed li lill-attur qalulu li hemm bzonn tinbidel il-batterija u l-prezz ta' batterija gdida u l-ispejjez involuti ghat-tibdil taghha u fuq kollox jghid Danel Vella ghamluhielu cara daqs il-kristall li l-fatt li jbidlu l-batterija antika ma' wahda gdida ma jfissirx li d-difett li kellha l-vettura kienet ser tissolva ruhha tant li rrimarkaw ukoll fil-fattura li hargu lill-attur fl-04 ta' Marzu, 2015 u pprezenta kopja taghha Dok B. Din il-fattura tispjega car li "Battery to be replaced in order to check for further damages." Huma kienu ordnawha minn barra ghax hija batterija partikolari ghal ghamla ta' vetturi bhal tal-attur. Huwa xehed li l-attur kien dejjem jaf li sabiex ikomplu jispezzjonaw il-vettura l-ewwel kellhom jistallaw batterija gdida u li kellhom jimpurtaw l-istess batterija.

Meta bidlu l-batterija l-vettura regghet bdiet tistartja kif suppost u l-attur kien kuntent bis-servizz. Izda kwazi xahrejn wara specifikament fit-28 ta' April, 2015 l-attur rega gab l-vettura l-garage taghhom u lmenta bl-istess problema u qalilhom li l-vettura ma kienetx qed tistartja. Huma kienu certi li dan ma kienx gej mill-batterija u li aktarx l-vettura kellha problema fic-charging system taghha. Huwa infurmaw lill-attur li biex jispezzjonaw ic-charging system tal-vettura l-hlas kien ta' mitejn tlieta u sebghin ewro u sittin centezmu (€273.60c) peress li l-ispezzjoni kienet ser issir mandwalment u illi ma kellhomx a disposizzjoni taghhom id-Diagnostic Tool fabbrikata fil-Gappun u addattata ghal-batterija tal-vettura in kwistjoni ghaliex din l-ghamla ta' vettura hija tip li tinbiegh biss fis-suq Gappuniz. Izda l-attur ried bilfors il-flus lura jew parti minnhom li kien hallas ghal batterija l-gdida u tax-xoghol ta' installar tahhom u jaghtihom il-batterija l-gdida lura. Huma infurmawh li dan ma jaghmluhx u li skont it-testijiet taghhom ma hemm ebda dubju li l-batterija l-qadima tal-vettura kienet difettuza u li ma setghux jaccettaw il-batterija l-gdida lura ghaliex fil-mument li dawn il-batteriji jintuzaw anke

jekk darba biss jekk ma jibqghux jigu charged u discharged ma jibqghux jiffunzjonaw sew u eventwalment jiefqu jiffunzjonaw ghal kollox.

In kontro-ezami a fol 86 Vella xehed li huwa mhux technician izda kkonferma li wara li l-attur ha l-vettura ghamel xahrejn biha u rega gabha lura. Mistoqsi jghid hux gimghatejn u mhux xahrejn Vella wiegeb li huwa skont id-dokukentazzjoni li ghandhom fis-sistema tal-karozzi jista jixhed.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Li mill-provi jirrizulta li l-attur xtara dan it-Truck Toyota b'irkant minn Malta u wara xi sena it-Truck ma riedx jistartja. Huwa hadha ghand is-socjeta' konvenuta u wara li bidlulu l-batterija t-truck beda jistartja u hadu lura fl-04 ta' Marzu, 2015 u izda fit-28 ta' April, 2015 huwa rega dahhal it-truck lura ghand is-socjeta' konvenuta ghax rega ma bediex jistartja. Huwa talab il-hlas lura tal-batterija li jerga jaghtihom il-batterija lura izda s-socjeta' konvenuta rrifjutat ghar-ragunijiet moghtija mir-rapprezentant taghhom f'din il-kawza.

L-istess socjeta' konvenuta da parti taghha permezz tar-rapprezentant taghha xehed li dan it-truck kien diga dahal ghandha ghat-tiswija fis-sena 2012 u pprezentat il-fattura datata 29 ta' Settembru, 2012 a fol 23 izda tikkontendi li mhux minnu li hija assigurat lill-attur li bit-tibdil tal-batterija t-truck jissewwa izda li qalulu li biex jiccekkjaw il-hsara riedu l-ewwel ibidlu l-batterija u l-fattura tal-04 ta' Marzu, 2015 (fol 8) tikkonferma dan.

Dan it-Tribunal jinnota u josserva li tali fattura a fol 23 meta tbidlet ukoll il-batterija ma kien hemm xejn imnizzel il-kliem 'to be replaced in order to check for further damages' kif hemm imnizzel fil-fattura maghmula lill-attur a fol 24 u datata 04 ta' Marzu, 2015. Illi inoltre hija inverosimili l-verzjoni tas-socjeta' konvenuta meta tghid li l-attur hallas ghal servizzi li kien jaf li mhux komplut cioe' ghal bdil ta' batterija biex ikunu jistghu jiccekjaw oltre minn fejn gejja l-hsara u dan ghax kieku verament kien hekk kieku t-truck ma kienx jista jiehdu lura l-attur izda kien jibqa ghand is-socjeta' konvenuta sabiex isirulu aktar testijiet. Izda mill-provi jirrizulta li t-truck gie jahdem meta bidlulu l-batterija u ghalhekk l-attur setgha jiehdu.

Illi kif stabbilit fil-gurisprudenza:

(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l- bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485).

(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l'quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu, 1972).

(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skont l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003). (4) Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892);

(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-

nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).

(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl- ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal- Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).

Precizati s-suesposti konsiderazzjonijiet tad-dritt, li certament japplikaw ghal kaz in dizamina, ghal dak li jikkoncerna l-aspett tad-danni jghoddu l-infraskritti riflessjonijiet:-
(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr ... ..." (Kollez. Vol XLII pII p699).

(2) Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (Kollez. Vol XXX pIII p433), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("John Bonnici pro et noe -vs- Anthony Sammut", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994);

(3) "A contrario sensu meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol" – "Victor Tabone -vs- Felix Mifsud", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994).

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur kellu jbiddel il-magna tat-truck sabiex ma tibqax aktar hybrid u li l-batterija li giet installata mis-socjeta' konvenuta giet bla uzu.

Illi jigi notat li f'din il-kawza ma saritx kontro-talba mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk dan it-Tribunal jista biss jiddeciedi fuq it-talbiet tal-attur.

Illi ghaldaqstant u ghal motivi hawn fuq imsemmija dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf disa' mija u sitta u tletin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,936.47c) bl-imghaxijiet legali mil-lum.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**